**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 3 ta' April 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Vs**

**DINO FINO**

**KUMP NRU 834/2003**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Dino Fino, numru tal-karta tal-identita 223679(M), gie akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Marzu 1999 ghall-habta ta' 12:40hrs waqt li kont qed issuq vettura b'numru ta' registrazzjoni AAG 419 t'ghamla Peugeot Saloon 306 fi Triq is-Siggiewi, Siggiewi b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajt il-mewt ta' Sergio Ghirlando ta' 35 sena minn Naxxar.

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt l-istess vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

3. F' kaz ta' htija l-qorti hija mitluba illi tissospendi lill-imputat milli jottjeni jew ikollu licenzji tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 15 ta` Marzu 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Qieset l-atti processwali;

Qieset l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza;

Semghet sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-udjenza tal-lum stess l-Ufficjal Prosekutur gibed l-attenzjoni tal-Qorti li l-atti originali ta' din il-kawza kienu nqerdu b'nar li kien hakem l-awla fejn kienu qed jinzammu lura fis-sena 2004.

Iddikjara wkoll li l-prosekuzzjoni m'ghandiex dokumentazzjoni ohra x'tipprezenta ghajr dak li diga hemm fil-process kif inhu rikostruwit illum. Ghalhekk il-prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-atti li jinsabu f'dan il-process u iddikjarat li m'ghandhiex provi ohra xi tressaq.

Il-Qorti tippuntwalizza u taqbel illi dawn l-atti kienu gew, flimkien ma' processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghall-hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu nhar it-12 ta` Lulju 2004. Kienet imbaghad saret rikostruzzjoni tal-process safejn din setghet issir.

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2014 (ara a folio 136), id-difiza, wara li ezaminat l-atti, issolevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-atti rizultanti u ghall-ligi applikabbli in materja (ara l-verbal ta` l-udjenza ta` llum stess).

Il-Qorti, in vista ta` din l-eccezzjoni, ezaminat l-atti bir-reqqa u setghet tistabbilixxi illi l-imputat kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-2 ta` Marzu

2005 (ara *folio* 122). Sussegwentement, fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2006, din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza *sine die* peress illi ma kien deher hadd ghal tali udjenza (ara *folio* 129).

Wara assenjazzjoni ufficjali ta` numru ta` kawzi, fosthom il-prezenti kawza, f'Awwissu tas-sena 2013, din il-Qorti kif issa presjeduta, b'digriet *in camera* tas-26 ta` Awwissu 2013, ordnat li din il-kawza tigi rikjamata u titpogga fuq il-lista ghall-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2013. Sussegwentement, quddiem din il-Qorti kif presjeduta, <u>l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba biex jidher quddiemha propju fis-sena 2014</u> (ara *folios* 134 u 135) – <u>disa snin wara li kien deher l-ahhar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta lura fis-sena 2005</u>.

Il-Qorti rat li fl-atti ma hemm ebda prova li xi darba matul dan il-perjodu ta` disa snin imsemmi, l-imputat gie notifikat. Dan hu li jikkostitwixxi l-bazi ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza. Bhala konsegwenza ta` dan, ghandhom jiskattaw id-dispozizzjonijiet ta` l-Artikoli 693 u 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Naturalment, dan ghandu jsir fil-kuntest tad-dipost ta` l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta li jitkellem dwar ir-reat ta` Omicidju Involontarju.

Il-Qorti rat dawn l-Artikoli u tqis li l-perjodu preskrittiv ghar-reat principali ta` omicidju involontarju migjub kontra l-imputat huwa dak ta' hames snin. Meta wiehed iqis allura, li mill-atti jirrizulta li kienu ghaddew mhux anqas minn disa snin bejn notifika w ohra ta` l-imputat, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiza hija fondata u timmerita ghalhekk li tigi akkolta.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tiddikjara li l-azzjoni kontra l-imputat hija kolpita bil-preskrizzjoni u konsegwentement qed tillibera lil Dino Fino minn kull imputazzjoni skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur